# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2019**

**Numru 8**

**Rikors Numru 885/18TA**

**Arkitett Raymond Vassallo (ID 107544M), bħala azzjonist fis-soċjeta' Regent Holdings Limited (C 21310), u martu Mariella Vassallo (ID 2649 M), għal kull interess li jista' jkollha li qed jaġixxu u jeżerċitaw azzjoni derivattiva fl-interess tas-soċjeta' Regent Holdings Limited (C 21310)**

**Vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili, u għal kull interess li jista' jkollhom Dr Jonathan De Maria, Dr Antoine Cremona, Dr Albert Grech, P.L. Gerald Bonello, Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona, Arkitett William u Gabriella sive Gaby konjugi Carbonaro, Arkitett Edward u Anna konjugi Micallef, Parade Limited (C4082) u Windsor Holdings Limited (C11422)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Atturi ppreżentat fit-3 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

"1. Illi dan huwa rikors ta' ritassa li qed jiġi mressaq ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

**<u>Sfond Fattwali</u>**

2. Illi, fil-25 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti kienu intavolaw proċeduri ġudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rikors Ġuramentat Numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet hawnhekk premessi), liema proċeduri ġew

kkanċellati fis-26 ta' Ottubru 2016, deċiż fit-30 ta' Jannar 2014. Ir-rikorrenti interponew appell li ġie ċedut fil-11 ta' April 2017.

3. Illi, ir-rikors ġuramentat kien ippremetta li t-talba kienet waħda a tenur tad-*derivative action* maħsuba taħt l-Artikou 402 tal-*Companies Act* mill-punto di vista ta' *second tier shareholder*. U bħala tali, l-azzjoni kienet intiża sabiex tipproteġi s-soċjeta' Regent Holdings Limited mill-abbuż u l-kolluzzjoni tal-intimati (salv l-avukati u prokuraturi legali). Fil-fatt, ir-rikorrenti fittxew dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u kundanna konsegwenzjali ta' danni u telf soffert.

4. Illi, il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-azzjoni derivattiva kif proposta mill-atturi ma kienitx azzjonabbli skond il-liġi Maltija, bl-ispejjez għall-atturi.

5. Illi, r-rikorrenti interponew appell minn din id-deċiżjoni liema proċeduri ġew ċeduti fil-11 ta' April 2017.

6. Illi, l-esponenti ġew notifikati b'Ittra Uffiċjali fejn l-intimati qiegħdin jitolbu ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji a bażi tat-taxxa hemm annessa (**illum hawn annessa u mmarkata Dok A**). L-esponenti jixtiequ jikkontestaw tali taxxa għas-segwenti raġunijiet:

**A. <u>Ebda taxxa dovuta lir-Reġistratur</u>**

7. Illi, l-ewwel ma jiġi rilevat huwa li skond it-Tariffa A, kwalunkwe spejjeż ġudizzjarji dovuti lir-Reġistratur għandhom jitħallsu "mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor ta' proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim Istanza ..." Dan ifisser illi kwalukwe taxxa li kellha titħallas lir-Reġistratur neċessarjament, diġa tħallset in saldu mal-preżentata tar-Rikors Ġuramentat 1045/2011 JZM. Infatti, l-Artikolu 9(1) tat-Tariffa 'A' itenni bl-aktar mod ċar illi:

"Ħlief fejn jingħad mod ieħor, id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu kollha flimkien mal-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv."

U di piu, l-Artikolu 9(2) tal-istess Tariffa jikkonkludi illi:

"L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur tal-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali".

M'hemm l-ebda provediment ieħor għal xi taxxa pagabbli fir-Reġistru, la fit-Tariffa 'A' u lanqas banda oħra fil-Kapitolu 12, ħlief għall-kas kontemplat fl-Art. 4(3) tat-Tariffa 'A' li ma japplikax fil-kas in eżami billi din tipprovdi:

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikajrat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ."

Illi, jirriżuta mill-istess deċiżjoni illi din hija sentenza finali fejn l-intimati ġew liberati mill-0osservanza ta' ġudizzju, għalhek ebda valur ma ġie ddikjarat jew likwidat allura, eba somma oħra ma setgħet tkun dovuta ai termini tal-Artikolu ċitat.

8. Illi, għalhekk ebda ammont ma huwa dovut lir-Reġistratur.

**B. <u>Kalkolazzjoni tat-Taxxa a bażi ta' Punt ta' Liġi jew Punt ta' Fatt</u>**

9. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher mit-taxxa annessa li d-drittijiet kemm tar-reġistru u kemm tal-avukati ġew ikkalkolati *ad valorem* skond id-disposizzjoni numru 3 tat-Tariffa A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Illi, qabel kollox, l-esponenti jirrilevaw li t-taxxa in kwistjoni ma kellha qatt tiġi kkalkolata *ad valorem* u dana billi fl-ewwel lok, l-oġġett tal-kawża kien wieħed għal rimedju taħt l-Artikolu 402 tal-*Companies Act* u ċioe sabiex jiġi determinat punt ta' liġi u punt ta' fatt. Huwa veru, li fir-rikors promotur intalbet ukoll dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni u jew telf kkawżati, pero' din it-talba kienet ansilljari għat-talba prinċipali, u għalhekk ma kellhiex tiġi meħuda in kunsiderazzjoni fl-intaxxar tal-kawża; dan speċifikament meta l-kawża stess ġiet deċiża fuq punt ta' liġi, u ċioe li r-rikorrenti ma kellhomx id-dritt jaġixxu bl-azzjoni derivattiva kif proposta.

11. Illi, barra minn hekk, jidher illi l-kawża kellha tiġi ntaxxata abbażi ta' punt ta' liġi/fatt u mhux *ad valorem*, speċifikament għaliex fid-deċiżjoni tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti qalet eżattament hekk:

"*Din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni ma hemmx ħtieġa li jinġabru aktar provi oltre dawk li diġa' jinsabu in atti. Huwa evidenti illi kif dedotta l-ewwel eċċezzjoni huwa jekk l-azzjoni derivattiva kif proposta mill-atturi hijiex premessa mil-liġi tagħna nkella le*".

12. Illi, għalhekk, l-ispejjeż tal-avukati u l-prokuraturi legali kellhom jinħadmu, mhux *ad valorem*, iżda skont ir-Regola 15 tat-Tariffa E, li tipprovdi:

"*(a) Għal kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa li jkun fiha d-deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt ........................... minn 23.29 sa 232.94"*

13. Illi, b'hekk il-massimu li t-taxxa fuq id-dritt tal-avukat seta' jilħaq kien ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232,94), u l-massimu li t-taxxa tad-dritt tal-prokuratur legali seta' jilħaq kien ta' sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€77.65).

**C. <u>Kalkolazzjoni tat-taxxa a bażi tal-Artikolu 38 tat-Tariffa E</u>**

14. Illi, in segwitu għas-suespost, fi stadju ta' appell, dawn il-valuri ta' €232,94 u €77.65 rigward tariffi tal-avukati u prokuraturi legali, ai termini tar-Regola 38 tat-Tariffa E għandhom jiżdiedu b'terz.

Għaldaqstant l-esponenti in vista tas-suespost u għar-raġunijiet premessi umilment jitolbu, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tħassar u tirrevoka t-taxxa ta' din il-kawża hekk kif ikkalkolata fil-11 ta' April 2017, stante li din ma ġietx ikkalkolata korrettament u/jew fuq regola erronja tal-liġi;

2. Tordna li t-taxxa surreferita terġa tinħadem mill-ġdid a bażi tal-prinċipji hawn elenkati u l-valuri hawn fuq imsemmija jew a bażi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, b'mod konformi mal-Artikoli indikati f'dan ir-rikors kemm tat-Tariffa A, kif ukoll tat-Tariffa E.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati."

Rat ir-Risposta tal-Konvenuti Dr. Jonathan De Maria, Dr. Antoine Cremona, Dr. Albert Grech, P.L. Gerald Bonello, Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona, Arkitett William u Gabriella sive Gaby konjugi Carbonaro, Arkitett Edward u Anna konjugi Micallef, Parade Limited (C4082) u Windsor Holdings Limited (C11422) preżentata fis-6 ta' Diċembru 2018 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

1) "Illi din hija r-risposta tal-esponenti għat-talba għar-ritassar tal-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*", liema kawża, kienet ġiet deċiża minn dina l-

Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Jannar 2014 (Dok. "JDM.1"), minn liema sentenza l-imsemmija atturi Arkitett Raymond Vassallo *et* interponew appell li eventwalment kien ġie minnhom ċedut fil-11 ta' April 2017 (Dok. "JDM.2").

2) Illi l-ewwel u qabel kollox, it talba attriċi għar-ritassa tad-drittijiet u l-ispejjez tal-kawza bin-numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" hija perenta stante li hekk kif jirriżulta mill-annessa ittra uffiċjali numru 2412/17 fl-ismijiet "*Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali vs Arkitett Raymond Vassallo et"* (Dok. "JDM.3"), fl-14 ta' Awissu 2017 l-istess Arkitett Raymond Vassallo *et* ġew debitament notifikati bit-talba hemm kontenuta tar-Reġistratur biex jħallsu l-ispejjes tal-appell interpost mis-sentenza fl-istess atti hekk kif debitament intaxxati u x-xahar konċess għall-preżentata ta' talba għar-ritassa permezz ta' l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta laħaq skada inutilment. Minn dan l-esponenti jifmu li t-talba għar-ritassa odjerna ta' l-Arkitett Raymond Vassallo et hija waħda għal kollox frivola u vessatoria u hija intiża biss biex itawwlu ż-żmien u fil-frattemp ma jħallsux l-ispejjeż li huma dovuti minnhom skond il-liġi. Għalhekk, it-talbiet kontenuti fl-istess rikors tat-3 ta' Settembru 2018 għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż.

3) Illi jidher li kien appuntu n-notifika tal-ittra uffiċċjali bin-numru 2900/18 (Dok. "JDM.4") li l-Arkitett William Carbonaro *et* interpellaw lill-Arkitett Raymond Vassallo u lil martu Mariella Vassallo biex jħallsuhom l-ispejjeż tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" li ġiet debitament notifikata bl-hemm annessa taxxa mertu ta' din il-proċedura lill-istess konjugi Vassallo fit-22 ta' Awissu 2018, li wasslet biex l-istess konjugi Vassallo jippreżentaw il-proċedura ta' ritassa odjerna.

4) Illi bit-tassazzjoni li ssir wara li tiġi mogħtija sentenza jiġu determinati żewg serji ta' rapport patrimonjali; wieħed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' eżekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-ieħor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu eżekuttiv huwa t-taxxa (vide s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Frar 1946 fl-ismijiet "John Falzon ne. vs Dr. Giuseppe Vella ne. *et.*").

5) Illi għalhekk preliminarjament, ir-rikors promotur tal-kawża odjerna huwa impostat inkorrettement għaliex l-Avukat Dottor Patrick Galea u l-Prokuratur Jean Pierre Busuttil (li kienu l-Avukat u l-Prokuratur Legali tar-rikorrenti fil-kawża li nbdiet permezz tar-Rikors Maħluf ta' *Arkitett Raymond Vassallo et* li kien ġie preżentat fil-25 ta' Ottubru 2011 (Dok. "JDM.5")) kellhom ukoll jkunu rikorrenti (u mhux biss sempliċi firmatarji bħala Avukat u Prokuratur Legali fil-kawża odjerna). Għalhekk jiġi eċċipit in-nullita' ta' l-istess rikors promotur tal-proċedura odjerna.

6) Illi preliminarjament ukoll, l-attur Raymond Vassallo ma kellux u m'għandux l-awtorita' sabiex jistitwixxu l-azzjoni odjerna għan-nom tas-soċjeta' attriċi Regent Holdings Limited, u dana skond kif ġja deċiż u

aċċettata mill-atturi odjerna biċ-ċessjoni tagħhom tal-appell minnhom interpost rigwardanti l-kawża bin-numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*". Għalhekk l-azzjoni odjerna tar-Ritassa, in kwantu promossa mill-Arkitett Raymond Vassallo fil-kwalita' tiegħu ta' azzjonist u/jew direttur tas-soċjeta' Regent Holdings Limited hija irremidjabbilment monka.

7) Illi fil-mertu, jiġi eċċepit illi t-talba għar-ritassa ta' l-Arkitett Vassallo *et* hija frivola, vessatorja u żejda u għandha tiġi miċħuda stante li l-punt dwar jekk kawża dwar ilment dwar aġir f'kumpannija u li fiha hemm talba għal-likwidazzjoni ta' danni u li minnha joħorgu valuri determinati u/jew determinabbli għandhiex tiġi ntaxxata *ad valorem* jew fuq punt ta' dritt ġja ġie ampjament trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta fl-atti tal-kawża Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet "*L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*".

8) Illi permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Marzu 2014 f'dawk l-atti (Dok. "JDM.6" anness) dina l-Onorabbli Qorti ddisponiet bit-talbiet tal-konjugi Vassallo hekk kif ġej:-

"

1. *Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur fis-sens li r-rikorrenti kellhom iħarrku bħala intimati lill-avukat u prokuratur legali ta' Windsor Holdings Limited.*
2. ***Tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati li t-taxxa kellha ssir ad valorem**. (emfażi tal-esponenti)*
3. *Tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-ritassa.*

*Spejjeż a karigu tar-rikorrenti."*

9) Illi dik l-konklużjonijiet li wasslet għalihom dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Marzu 2014 fl-atti tal-preċitat Rikors 1053/2013AE fl-ismijiet "*L-Arkkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*"(għalkemm l-Arkitett Vassallo et interpona d-debitu appell minna li għadu kemm ġie appuntat għall-ewwel smiegħ) japplikaw ukoll għall-każ odjern.

10) Illi issa jidher li l-Perit Vassallo qed jipprova jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex terġa' tesprimi ruħha fuq il-metodu stabbilit mill-liġi u kkonfermat li a bażi tiegħu jrid issir l-intaxxar tal-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*", iżda issa b'żieda tal-premessi li:

a. Ebda taxxa m'hi dovuta lir-Reġistratur stante li kwalunkwe spejjeż ġudizzjarji dovuti lir-Reġistratur għandhom jitħallsu mal-preżentata tal-att promotur li bih tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim' Istanza... u mhux wara

b. Il-kalkolazzjoni tat-Taxxa kellha tkun abbażi ta' Punt ta' Ligi jew Punt ta' Fatt u mhux *ad valorem*;
c. Il-kalkolazzjoni tat-Taxxa kellha ssir abbażi tal-Artikolu 37 tat-Tariffa E.

**TAXXA HI DOVUTA LIR-REĠISTRATUR TAL-QRATI U TRIBUNALI ĊIVILI – U HI DOVUTA *AD VALOREM***

11) Illi hija appuntu t-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) kif del resto wieħed jista' jifhem anke min-nomenklatura tagħha ("**Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja")** li tipprovdi dwar il-mod li għandhom jiġu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Reġistratur ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-kawżi kontenzjużi. Difatti l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A testwalment jgħid hekk:

3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| (a) | sa l-ewwel €7,000, għal kull €100 jew parti minnha ............ | €3.90 |
| (b) | dwar kull valur 'il fuq minn €7,000 sa €10,000, għal kull €100jew parti minnha ............ | €2.75 |
| (ċ) | dwar kull valur 'il fuq minn €10,000 sa €25,000, għal kull €100 jew parti minnha ............ | €2.50 |
| (d) | dwar kull valur 'il fuq minn €25,000 sa €100,000, għal kull €100 jew parti minnha ............ | €1.90 |
| (e) | dwar kull valur 'il fuq minn €100,000 sa €200,000 għal kull €100 jew parti minnha ............ | €1.20 |
| (f) | dwar kull valur 'il fuq minn €200,000 għal kull €100 jew parti minnha ............ | €0.90 |

Iżda d-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni, li tista' tkun meħtieġa, u kull digriet li jingħata f'kawża sas-sentenza finali.

12) Illi minn ħarsa lejn l-ewwel paġna tar-Rikors Maħluf promotur tal-kawża preċitata numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" (Dok. JDM.5), wieħed jista' faċilment jinduna li d-"Dritt Registru" ta' €582.34 ezibit mir-Reġistratur tal-

Qrati u Tribunali Ċivili (ir-Reġistratur) fuq dak l-att kien dak preskritt fl-artikolu 4(2) qabel ma id-drittijiet preskritti fl-istess Tariffa ġew aġġornati permezz tal-Avviz Legali 36 tal-2015 ta' l-istess Tariffa A ma kienx ibbażat fuq xi valur partikolari iżda kien ibbażat fuq it-talbiet attriċi hemm premessi (bħal ma hi dejjem il-prassi kull meta tiġi preżentata kawża), liema talbiet attriċi ma kienux jindikaw valur u testwalment kienu biex l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi bin-nuqqasijiet tagħhom il-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, solidament jew min minnhom ikkawżaw nuqqas patrimonjali, telf u danni lis-soċjeta` Regent Holdings Limited, li għalihom huma responsabbli u għandhom iwieġbu;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati solidament jew min minnhom Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, naqsu fid-doveri tagħhom lejn is-soċjeta` Regent Holdings Limited u anzi komplew jaggravaw l-assi tal-kumpannija;*

3. *Tillikwida n-nuqqas patrimonjali, it-telf u danni għar-raġunijiet fuq esposti sofferti u subiti mill-kumpannija Regent Holdings Limited;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, solidament jew min minnhom, iħallsu lis-soċjeta` Regent Holdings Limited l-ammont hekk likwidat;*

5. *Tikkundanna u tordna lill-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, solidament jew min minnhom, iroddu lura lis-soċjeta` Regent Holdings Ltd l-ammont misluf mill-Bank;*

6. *Tordna lill-istess soċjeta` Regent Holdings Limited trodd l-istess ammont lura lill-Bank biex ma jkomplux jakkumulaw interessi kontra l-istess soċjeta`.*

*Bl-imgħax min-notifika ta` din iċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni, bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-liġi.*

13) Illi l-intaxxar oriġinali tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" fuq ir-Rikors Maħluf promotur tagħha (Dok. "JDM.5") ma tfissirx illi wara skrutinju aktar akurata kemm tal-att promotur u anke tal-atti l-oħra kollha tal-kawża mhux ser joħroġ valur determinabbli li fuqu r-Reġistratur jista' jistabilixxi dak dovut lilu u dak dovut lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-kontendenti … wara kollox huwa preċiżament l-intaxxar *ad valorem* li bħala regola ġenerali teziġi l-liġi. Huwa appuntu l-Artikolu 4(3) ta' l-imsemmi Tariffa A li jistipula li r-Reġistratur tal-Qrati jista' jistabilixxi d-drittijiet korretti bbażati fuq il-valuri li jirriżultaw li għandhom jiġu eziġiti skond il-liġi.

14) Illi jirriżulta bl-aktar mod lampanti li hekk seħħ fil-kawża odjerna. Fil-fatt, wara ħarsa akkurata lejn il-preċitat Rikors Maħluf promotur tal-kawża preċitata bin-numru 1045/2011 JZM (Dok. "JDM.5") jirriżulta li hemm, l-atturi ndikaw is-segwenti ċifri taħt l-intestatura "**Lanjanzi u Danni**", ċioe':

- *"Spejjes inutli marbuta mal-kawza 1199/2010 MCH:" … "danni stmati provvizorjament għal xi €8,500"*

- *"Spejjes inutli marbuta mal-kawża u sekwestru frivoli 31912011 MCH:" … "Mit-total massimu li għalhekk ilaħħaq €80,000, l-atturi qegħdin ikopru ammont prudentement limitat għal nofs dan it-total, cioe' €40,000 fis-sekwestrutru kawtelatorju mitlub kontestwalment mal-kawża preżenti"*

- *"Danni konsegwenti ghas self inġustifikat u abusiv, dikjarat mill-istess intimati:" … "Fid-dawl tal-abbuż u telf relatat mas-self bankarju kif fuq spjegat, l-atturi qed ikopru l-ammont tad-dejn ġdid ta' xi €450,000, flimkien ma danni anċillari stmati mill-istess intimati għas-somma ta' xi €100,000, ammontanti flimkien għal €550,000, bħala parti mis-somma tas-sekwestru kawtelatorju mitlub kontestwalment ma din il-kawża."*

- *"Dikjarazzjoni u distribuzzjoni ta' dividends nulli jew illeciti:" … "*Dan l-abbuż kien jolqot mill-anqas l-aħħar żewġ dividends dikjarati u distribwiti f'Lulju u Ottubru 2010, u ammontanti flimkien għal xi €80,000, liema somma ukoll qegħda tiġi koperta fis-sekwestru mitlub kontestwalment ma din il-kawża."

15) Illi dawn il-pretensjonijiet kollha effettivament ġew kawtelati permezz tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1476/2011 u fejn ġie indikat bħala kreditu sorte ta' sitt mija u tmenin elf euro (€680,000), kopja ta' liema mandat qed jigi annessa u mmarkata bhala Dok. "JDM.7".

16) Illi ċioe' nonostante, minn ħarsa lejn it-taxxa uffiċċali maħruġa mir-Reġistratur rigwardanti l-kawża preċitata bin-numru 1045/2011 JZM (Dok. "JDM.8"), mid-dokument li hu anness mal-folder tal-proċess tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM u li jiddeskrivi l-bażi tal-intaxxar ta' dik il-kawża

(kopja annessa u mmarkata bħala Dok "JDM.9") jidher li r-Reġistratur wera (inġustament) ħniena fuq l-atturi f'dik il-kawża u intaxxa l-kawża fuq is-somma ta' ħames mija u ħamsin elf euro (€550,000) (li jidher li huwa l-valur li ġie indikat mill-atturi f'klawzola a fol. 6 tar-Rikors Maħluf promotur ta' dik il-kawża (Dok. "JDM.5") bħala valur komplessiv, iżda li fil-verita' kienet biss tirrelata għad-danni pretiżi taht il-Kap ta' "*Danni konsegwenti ghas self inġustifikat u abusiv, dikjarat mill-istess intimati:"*).

17) Illi a bazi ta' dak fuq spjegat, dina l-Onorabbli Qorti għandha ssib li r-Reġistratur kien korrett meta intaxxa d-drittijiet professjonali spettanti lill-istess Reġistratur rigwardanti l-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" fuq bażi *ad valorem.*

**<u>INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LILL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI TAL-KONTENDENTI – ISSIR *AD VALOREM*</u>**

18) Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-intaxxar tad-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti japplika t-Tariffa E tal-Skeda A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

19) Illi di fatti hija t-Tariffa E tal-istess Skeda A li tipprovdi dwar kif għandhom jiġu intaxxati d-"**Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "*ex officio*"".**

20) Illi l-artikolu 13 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A testwalment jgħid:

**13.** Għal kull sentenza definittiva:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ....................................... | €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla |
| (ii) | dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 .................................... | €6.99 |
| (iii) | dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 ..... | 2.33 |

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (*b*) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

21) Illi ta' daqstant importanza huwa l-artikolu 14 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan testwalment jgħid:

> **14.** Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

22) Illi għalhekk nonostante dak kollu li jgħid r-rikorrent Perit Vassallo *et*, meta' jiġi biex jintaxxa d-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti ta' kawza, ir-Reġistratur huwa obbligat li jsegwi r-regoli ċitati f'dawn l-artikoli hekk kif del resto huwa obbligat jsegwi r-regoli l-oħra ċitati fit-Tariffi fl-istess Skeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

23) Illi jidher biċ-ċar li l-Perit Vassallo *et* qed jipprova jevitaw intaxxar fuq bażi *ad valorem* tal-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*". Jgħid x'jgħid pero', jirriżulta bl-aktar mod ċar minn qari tat-Tariffi A u E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 li l-intensjoni tal-leġislatur tant hija ċara li kull kawża għandha tiġi ntaxxata fuq bażi *ad valorem* u hija biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn verament ma jistax jiġi stabbilit valur li kawża ma tiġix intaxxata fuq bażi *ad valorem.*

24) Illi mill-istess kopja tar-Rikors Maħluf (Dok. "JDM.5"), promotur tal-kawża numru 1045/2011 JZM, senjatament a fol 8 ta' l-istess jirriżulta li t-talba numru 3 ta' l-istess hija appuntu sabiex dina l-Onorabbli Qorti "tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lis-soċjeta' Regent Holdings Limited l-ammont hekk likwidat".

25) Illi fil-fatt kif ingħad, minn ħarsa lejn it-taxxa uffiċċjali maħruga mir-Reġistratur rigwardanti l-kawża preċitata bin-numru 1045/2011 JZM, u kif jirriżulta aħjar mill-imsemmi dokument li hu anness mal-folder tal-proċess tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM u li jiddeskrivi l-bażi tal-intaxxar ta' dik il-kawża (Dok "JDM.9") jidher li r-Reġistratur intaxxa l-kawża fuq is-somma ta' ħames mija u ħamsin elf euro (€550,000) u saħansitra rriduċa d-drittijiet hemm intaxxati a tenur tal-Artikolu 27 tat-Tariffa E stante li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti wasslet għall-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tal-konvenuti f'dik il-kawża.

26) Illi ċioe' nonostante, il-Perit Vassallo, fir-rikors promotur ta' din il-proċedura ta' ritassa ddikjara li l-intaxxar tad-drittijiet professjonali spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-kontendenti rigwardanti l-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" kellhom jiġu kkalkolati abbażi tar-Regola 15 tat-Tariffa "A" ta' l-istess Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta - ċioe' abbażi ta' punt ta' liġi u mhux *ad valorem*.

27) Illi din il-premessa hija grossolanamet żbaljata kif fuq ingħad u a bażi ta' dak fuq spjegat, dina l-Onorabbli Qorti għandha ssib li r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili kien korrett meta intaxxa d-drittijiet tiegħu u dawk professjonali spettanti lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-

kontendenti rigwardanti l-kawża numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" fuq bażi *ad valorem.*

**INTAXXAR TAD-DRITTIJIET SPETTANTI LILL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI TAL-KONTENDENTI SKOND L-ARTIKOLU 38 TAT-TARIFFA E**

28) Illi skond l-atturi d-dritt tal-avukati u tal-prokuraturi legali kellu jkun terz ta' drittijiet ta' €232.94 u €77.65 rispettivament bl-applikazzjoni tal-artikolu 38 tat-Tariffa E tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

29) Illi għalkemm huwa korrett li d-drittijiet mogħtija għall-Ewwel istanza għandhom jiżdiedu b'terz – u dan mhux kontestat, għar-raġunijiet fuq mogħtija d-drittijiet oriġinali li għandhom jiġu hekk awmentati għandhom jkunu dawk kalkolati fuq bażi *ad valorem*, (ċioe' kif effettivament għamel ir-Reġistratur) li hekk kif seħħ, jiġu ridotti a tenur tal-artikolu 28 tat-Tariffa E tal-Kap 12 stante li l-Arkitett Vassallo *et* ċeda l-Appell tiegħu wara li ġiet preżentata r-risposta tal-Appell iżda qabel ma dak l-istess Appell kien laħaq ġie appuntat għall-ewwel smiegħ.

Għaldaqstant it-talba attriċi għat-tħassir u għar-revoka tal-intaxxar tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti u anke ta' dawk tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili fir-rigward tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Arkitett William Carbonaro et*" u anke t-talba tal-atturi għall-intaxxar mill-ġdid ta' l-istess drittijiet għandhom jiġu miċħuda.

Bl-ispejjeż u bir-riżerva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-esponenti."

Rat ir-Risposta tal-Konvenut Reġistratur tal-Qrati Ċivili preżentata fl-10 ta' Diċembru 2018 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti in toto u dan inter alia għas-segwenti raġunijiet:-

2) Illi t-talbiet fil-kawża 1045/2011 fl-ismijiet l-Arkitett Raymond Vassallo et vs l-Arkitett William Carbonaro et huma sabiex jiddikjaraw lill-intimati f'dik il-kawża responsabbli għan-nuqqasijiet, likwidazzjoni tat-telf u danni u kundanna ħlas tal-istess.

3) Illi l-kawża ġiet deċiża mill-prim'istanza fit-30 ta' Jannar 2014 billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju;

4) Illi sar appell li ġie intavolat fis-17 ta' Frar 2014 liema appell ġie ċedut fil-11 ta' April 2017.

5) Illi dik il-kawża ġiet intaxxata fuq l-ammont pretiż fl-istess kawża a fol 6 tal-proċess u ċjoe €550,000, imma peress li kif ġja ingħad l-intimati f'dik il-kawża ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju fuq eċċezzjoni li ma tolqotx il-mertu tal-kawża ġie applikat dak provvdut fis-sezzjoni 5(3) tat-Tariffa A u s-sezzjoni 27 tat-Tariffa E.

6) Illi għalhekk it-taxxa hija korretta u għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

7) Illi di piu jingħad ukoll illi l-punt dwar jekk kawża dwar ilment dwar aġir f'kumpannija u li fiha hemm talba għal-likwidazzjoni ta' danni u li minnha joħorġu valuri determinanti u/jew determinabbli għandhiex tiġi ntaxxata ad valorem jew fuq punt ta' dritt ġja ġie ampjament trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta fl-atti tal-kawża Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet "L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544M u martu Mariella Vassallo ID 2649(M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali."

8) Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Permezz ta' dawn il-proċeduri l-atturi qed jattakkaw it-taxxa uffiċjali, maħruġa mir-reġistratur tal-Qorti, tad-drittijiet u spejjeż ta' Rikors Ġuramentat Numru 1045/2011 JZM fl-ismijiet l-Arkitett Raymond Vassallo et vs l-Arkitett William Carbonaro et (Ara fol 7 u 112).

**2.** F'dan ir-rikors ġuramentat l-atturi, inter alia, premettew li ġie preżentat kontestwalment mal-istess rikors ġuramentat, sekwestru kawtelatorju għall-ammont ta' €550,000 (ara fol 6 tal-atti 1045/2011). Fir-rikors imsemmi l-atturi talbu lill-Qorti is-segwenti:-

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi bin-nuqqasijiet tagħhom, il-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edwar Micallef, solidalment jew min minnhom ikkawżaw nuqqas patrimonjali, telf u danni lis-soċjetá ntimata Regent Holdings Limited, li għalihom huma responsabbli u għandhom iwieġbu;

2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati solidalment jew min minnhom Arkitett William Carbonaro, Anthoy Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, naqsu fid-doveri tagħhom lejn is-soċjetá Regent Holding Limited u anzi komplew jiggravaw l-assi tal-kumpanija;

3. tillikwida n-nuqqas patrimonjali, t-telf u danni għar-raġunijiet fuq esposti sofferti u subiti mill-kumpanija Regent Holdings Limited;

4. tikkundanna lill-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, solidalment jew min minnhom, iħallsu lis-soċjetá Regent Holdings Limited l-ammont hekk likwidat;

5. tikkundanna u tordna lill-konvenuti Arkitett William Carbonaro, Anthony Parlato Trigona, l-Arkitett Edward Micallef, solidalment jew min minnhom jroddu lura lis-soċjetá Regent Holdings Ltd l-ammont misluf mill-Bank;

6. tordna lill-istess soċjetá Regent Holdings Limited trodd l-istess ammont lura lill-Bank biex ma jkomplux jakkumulaw interessi kontra l-istess soċjetá.

**3.** Permezz ta' sentenza datata 30 ta' Jannar 2014, din il-Qorti diversament presjeduta iddeċidiet din il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju (ara sentenza a' fol 115 tal-atti 1045/2011).

**4.** Minn din is-sentenza, l-atturi nterponew appell li eventwalment kien ġie minnhom ċedut fil-11 ta' April 2017 (ara fol 158 tal-atti 1045/2011).

**5.** Din it-taxxa inħadmet fl-4 ta' Mejju 2017 fuq l-ammont imsemmi ta' €550,000 indikat fir-rikors ġuramentat skont it-Tariffa A u t-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara xhieda ta' Emanuel Sciriha qua Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali a' fol 124 u 125).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**6.** Din l-azzjoni hija waħda ta' ritassa tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti, wara s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża numru 1045/2011 JZM

fl-ismijiet **L-Arkitett Raymond Vassallo et v. L-Arkitett William Carbonaro et**. Tali azzjoni fejn tiġi attakkata taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, hija kontemplata fl-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** L-atturi jsejsu din il-kontestazzjoni fuq tlett ilmenti, senjatament li ebda taxxa ma hi dovuta lir-reġistratur, kalkolazzjoni tat-taxxa a bażi ta' Punt ta' Liġi jew Punt ta' Fatt, u kalkolazzjoni tat-taxxa a bażi tal-Artikolu 38 tat-Tariffa E.

**8.** Il-Konvenuti Dr. Jonathan De Maria et laqgħu għal din l-azzjoni b'numru ta' eċċezzjonijiet kemm preliminari u anke fil-mertu.

**9.** Din il-Qorti se tibda biex tikkonsidra l-ewwel eċċezzjoni preliminari li t-talba attriċi għar-ritassa tad-drittijiet u l-ispejjeż tal-kawża bin-numru 1045/2011 JZM hija perenta stante li ġiet istitwita wara li skada l-perjodu ta' xahar stipulat fl-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 minn meta l-atturi ġew notifikati bl-ittra uffiċjali numru 2412/17 (fol 48) (eċċezjonijiet numru 2 u 3).

**10.** Joħroġ mix-xhieda tar-Reġistratur innifsu li l-ispejjeż tal-Prim Istanza dovuti lilu ndikati fl-ewwel parti tat-taxxa in kwistjoni, ġew fil-fatt imħallsa (a' fol 124). Li baqa' ma ġiex imħallas huwa l-parti tat-taxxa li tindika l-ammont tal-Appell. Dan l-ammont ġie notifikat lill-Atturi bl-ittra

uffiċċjali numru 2412/17 fil-21 ta' Lulju 2017 (ara notifika a' fol 49). Dan ifissier li la darba sar il-ħlas tal-ispejjeż tal-Prim Istanza ftit hemm aktar xi tgħid. Il-ħlas isir f'isem u fl-interess tal-interessati kollha li jkunu ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjeż.

**11.** Ir-rikors odjern ġie intavolat fit-3 ta' Settembru 2018, jiġifieri ħafna wara ż-żmien perentorjament rikjest mill-artikolu 64(1) tal-Kap. 12.

**12.** Din il-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti Dr. Jonathan de Maria et u tiddeżisti milli tikkunsidra t-taxxa in kwistjoni safejn din tolqot l-ispejjeż tal-appell dovuti lir-reġistratur. Dan minħabba li din hija ormai perenta (ara f'dan is-sens is-sentenza mogħtija min din il-Qorti stess fl-14 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet **Mary sive Miriam Bugeja vs Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali et**).

**13.** Din il-Qorti għaldaqstant se tiskarta l-ewwel ilment u tikkunsidra biss dawk l-ilmenti safejn jolqtu t-taxxa favur il-konvenuti. Dan peress li l-azzjoni odjerna ġiet istitwita entro t-terminu stabbilit mid-data li fiha l-atturi ġew notifikati bl-istess permezz ta' ittra uffiċċjali numru 2900/2018 (ara fol 50 u 51).

**14.** Din il-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjoni preliminari tan-nullitá tar-rikors promotur fuq ir-raġuni li l-istess ġie impostat inkorrettement għaliex l-Avukat Dottor Patrick Galea u l-Prokuratur Jean Pierre Busuttil kellhom ukoll ikunu rikorrenti (ara eċċezzjonijiet numri 4 u 5).

**15.** Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-raġonament. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet proċedurali ndikati fl-artikolu 64 tal-Kap. 12, l-atturi ma humiex statutorjament ritenuti li jeżegwixxu din it-tip ta' formalitá rikjesta mill-Konvenuti Dr. Jonathan De Maria et taħt piena ta' nullitá.

**16.** Kif tajjeb osservat il-Qorti Ċivili Prim' Awla (per Imħallef Albert J. Magri) fil-kawża **Mid-Med Bank p.l.c. vs Ellul Holdings Ltd et** datata12 ta' Ġunju 2002, "*l-azzjoni għar-ritassa jew għal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti trid bil-fors l-presenza ta' l-istess Reġistratur inkwantu dan huwa necessarjament parti interessata kif jissemma fis-subinciz (2) tal-artikolu 64 fuq imsemmi. Inoltre l-azzjoni intentata, għalkemm temani mill-proċeduri determinati bejn il-kontendenti fil-proċeduri li taw lok għat-tassazzjoni kontestata, hija azzjoni separata u totalment indipendenti mill-istess proċeduri billi l-Qorti tkun mitluba tikkunsidra xi ħaga li ġrat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet u indipendentement mill-volonta tal-partijiet. L-istess presenza tar-Reġistratur f'dawn il-proċeduri, liema presenza ma kienitx la rikjesta u lanqas meħtieġa fil-kawża determinata, tkompli ssaħħaħ l-argument tal-intimat kif fuq riportat.*"

**17.** Kif sewwa ritenut mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (per Imħallef Grazio Mercieca) fil-kawża **Avukat Dottor Larry Formosa vs Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** datata 8 ta' Ottubru 2019, "*L-Art. 64 jipprovdi għal proċedura sommarja, u minn kif inhi redatta, tqis bħala uniku leġittimu*

*kontradittur lir-Reġistratur, li wara kollox ikun hu li għamel it-taxxa li tkun qiegħedha tiġi impunjata. Min-naħa l-oħra, l-Art. 64(2) jistipula li r-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi nnotifikata lil kull min ikollu nteress fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta. Din hi l-proċedura – pjuttost partikolari - voluta mil-leġislatur; xejn iżjed u xejn inqas;*"

**18.** L-atturi ottemperaw ruħhom mal-proċedura stabbilita fl-imsemmi artikolu 64 tal-Kap. 12 billi ħarrku mhux biss lir-reġistratur iżda wkoll lill-konvenuti li kienu wkoll hekk konvenuti fil-kawża li tat lok għat-taxxa hawn kontestata. Din l-eċċezzjoni għalhekk ma jisħoqqiliex tiġi milqugħa.

**19.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-aħħar eċċezzjoni preliminari (eċċ numru 6) li l-attur Raymond Vassallo m'għandux l-awtoritá sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna għan-nom tas-soċjetá attriċi Regent Holdings Limited, minħabba kif ġie deċiż fil-proċeduri 1045/11 JZM u aċċettat mill-atturi biċ-ċessjoni tagħhom tal-appell minnhom interpost.

**20.** Il-Qorti mill-ewwel tikkonkludi li din l-eċċezzjoni ma treġix. Id-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri msemmija u li fuqhom inħadmet it-taxxa hawn attakkata, ma tipprovdi xejn fuq l-awtoritá o meno tal-attur arkitett Raymond Vassallo li jippromwovi l-azzjoni odjerna qua azzjonist fis-soċjetá Regent Holdings Limited (ara sentenza a fol 115 fl-atti 1045/2011). Id-deċiżjoni kkonkludiet biss li l-azzjoni azzjonabbli skont il-liġi Maltija ma hijiex dik tad-derivative action promossa mill-atturi iżda dik

skont l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Kien għalhekk li l-Qorti għaddiet biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju. Din il-Qorti sejra għalhekk tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-Konvenuti Dr. Jonathan De Maria et.

**21.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi għal mertu ta' dawn il-proċeduri billi, filwaqt li tiskarta l-ewwel ilment għar-raġunijiet delinjati supra, tqis l-ilment prinċipali spjegat fil-premessi 9 et seq tar-rikors promotur.

**22.** L-Atturi jsostnu li t-taxxa in kwistjoni ma kellha qatt tiġi kkalkolata ad valorem skont ir-regola 3 tat-Tariffa A tal-Kap 12. Dan għaliex l-oġġett prinċipali tal-kawża kien wieħed ibbażat fuq punt ta' liġi/fatt u mhux fuq dikjarazzjoni ta' responsabbilitá għad-danni u jew telf kkawżati. Dejjem skont l-Atturi, l-ispejjeż tal-avukati u l-prokuraturi legali kellhom għalhekk jinħadmu skont ir-regola 15 tat-Tariffa E.

**23.** Kif sewwa eċċeppew il-konvenuti kollha (ara eċċezzjoni numru 7 a' fol 16 u eċċezzjoni numru 7 a' fol 119) dan il-punt ġie ampjament trattat fl-atti tar-rikors numru 1053/2013AE. Din il-Qorti tikkondividi pjenament ma dak ritenut fis-sentenza tal-ewwel Qorti datata 17 ta' Marzu 2014 kif riformata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza datata 31 ta' Mejju 2019. Din il-Qorti sejra għalhekk tagħmel tagħha l-istess ratio decidendi hawn taħt ċitat:

"Iadarba l-valur tad-danni reklamati mill-appellanti jirriżultaw daqstant ċari mir-rikors promotur fil-kawza 842/2009, fil-fehma ta din il-Qorti, għamel sew id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali li ħadem it-taxxa *ad valorem* peress li l-pretensjonijiet tal-appellanti f'dawk il-proċeduri jirriżultaw mit-talbiet tagħhom fl-istess kawża. Kwindi huma l-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E, li japplikaw għall-każ in eżami u mhux il-paragrafu 15, kif jikkontendu l-appellanti".

**24.** Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi li t-taxxa in kwistjoni maħduma *ad valorem* kif ridotta bl-applikazzjoni tar-regola 27 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija waħda tajba u korretta.

**25.** Rigward l-aħħar ilment din il-Qorti tqis li ma hemmx kontestazzjoni billi t-taxxa għad-drittijiet u spejjeż tal-appell kif kalkolata fuq bażi ad valorem ġew fil-fatt miżjuda b'terz kif ridotti a tenur tar-regola 28 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens l-eċċezzjoni numru 29 a' fol 22 u x-xhieda ta' Emanuel Sciriha a' fol 125).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-konvenuti Dr. Jonathan De Maria et.

**Tiċħad ir-raba, il-ħames u s-sitt eċċezzjoniijiet preliminari** tal-konvenuti Dr. Jonathan De Maria et.

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu**.

**Tiċħad it-talbiet attriċi**.

Bl-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**